PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

ONOR. IMĦALLEF DR. ANNA FELICE

**Rikors numru: 452/24AF**

**Malaga Enterprises Limited et**

**vs**

**Arthur Xuereb**

**Illum 15 ta' Novembru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Arthur Xuereb li permezz tiegħu, għar-raġunijiet mogħtija, huwa talab lil din il-Qorti tirrevoka mandat ta' sekwestru maħruġ fil-konfront tiegħu ai termini tal-Art. 836 (1)(d) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talab ukoll l-impożizzjoni tal-penali a tenur tal-Art. 836(8).

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Malaga Enterprises Limited, Saviour Borg u Antonia Borg Farrugia.

Semgħet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li tħalla sabiex jiġi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-proċedura, Arthur Xuereb qed jitlob lil din il-Qorti tħassar mandat ta' sekwestru maħruġ minn Malaga Enterprises u l-konjuġi Borg kontrih sabiex dawn ipoġġu fis-sod pretensjoni ta' €105,000 rappreżentanti danni li jgħidu li sofrew tort ta' Arthur Xuereb.

Jirriżulta illi bejn il-partijiet hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell kawża dwar proprjeta` mmobbli li fuqha Arthur Xuereb qiegħed jivvanta pretensjoni. Il-pretensjoni tiegħu ġiet miċħuda mill-Prim'Awla u minn din id-deċiżjoni huwa interpona appell. Sakemm jiġi deċiż l-Appell, Malaga Enterprises et ma jistgħux jiżviluppaw il-proprjeta` tagħhom u b'hekk sa issa qed isofru danni. Hija din il-pretensjoni li qed jikkawtelaw bis-sekwestru 220/24.

Arthur Xuereb isejjes it-talba tiegħu għat-tħassir tal-mandat fuq l-Art. 836(1)(d) tal-Kap. 12 li jipprovdi għal tali tħassir.

> "(d) jekk jintwera li l-ammont ma jkunx prima facie ġustifikat jew eċċessiv."

Essenzjalment, huwa jikkontendi li ġaladarba għad m'hemmx ġudikat definittiv fil-kwistjoni, is-sekwestranti ma jistax ikollhom xi jedd prima facie x'jikkawtelaw.

Din il-Qorti tibda billi tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Debono vs Cauchi (12 ta' Settembru 2008) u l-ġurisprudenza estensiva fiha ċitata. Fost affarijiet oħra din il-Qorti ċċitat dan il-bran mis-sentenza Spiteri vs Camilleri (10 ta' Jannar 1992).

> "Hu ċar ukoll illi d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hu fost l-aqwa drittijiet li fl-eżerċizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin pero` d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż. Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll illi l-fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċesserjament li sar abbuż tad-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każ eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex hu rispaut illi għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kulħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet vari u soġġettivi li l-partijiet u s-soċjeta` jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddettermina u japplika."

F'dan l-istadju sa issa, ma nġabet lil din il-Qorti ebda ħjiel tal-abbuż meħtieġ li jissussisti sabiex is-sekwestranti jiġu misjuba responsabbli għad-danni reklamati.

Inoltre, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-kawża pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell tidher li ilha mibdija mill-2014. Is-sekwestranti applikaw u ottjenew il-permess ta' żvilupp ben sitt snin wara fil-pjena konoxxenza tal-proċeduri pendenti. Lanqas ma tista' l-Qorti tinjora l-ovvju – l-għoli fil-prezz tal-immobbli li ma jista' qatt jiġi negat lis-sidien.

Finalment, il-Qorti tqis li ma nġabet lil din il-Qorti ebda raġuni li twassalha timponi l-penali mitluba.

Għaldaqstant il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba ta' Arthur Xureb u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 220/2024.

L-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Onor. Imħallef Dr. Anna Felice**